MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 37/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs.**

**Silvano Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Silvano Cilia maghruf bhala Sylvan ta’ 31 sena, bin Emanuel u Georgina nee’ Cutajar, imwieled Pieta’ f’16 ta’ Marzu, 1975 u residenti gewwa PIA Flt 1 Triq San Tumas, Safi, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 150275M.

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-22 t’Ottubru, 2006 u tmien xhur qabel, gewwa tal-Pieta’ u bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti.

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fis-6.00a.m. zewg Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga marru fl-inhawi tad-Detox Centre biex jaghmlu tfittxija. Hemm raw lill-imputat jitkellem ma' terza persuna.
2. Skont il-verzjoni tal-Pulizija, kif l-imputat induna bil-prezenza tal-Pulizija, huwa rema' xi haga fl-art, li wara irrizulta li kienet bicca aluminium foil, li go fiha kien hemm disa' (9) qratas, allegatament droga herojina.
3. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jinnega li hu rema' xi haga mal-art.
4. Il-Pulizija ghamlet ukoll tfittxija fil-vettura tal-imputat, u minn go fiha giet elevata borza tal-plastic li kien fiha wkoll xi tracci allegatament tad-droga herojina.
5. Il-Pulizija ghamlet ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat, fejn instab pitazz b'diversi pagni nieqsa, u bicca kantuniera ta' borza b'trab kannella, allegatament heroijina. L-imputat qal li l-pitazz ma kienx tieghu ghalkemm instab fir-residenza tieghu.
6. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li kien ilu wieqaf milli jiehu d-droga hames (5) snin, izda rega' beda jerga' jaghmel uzu mid-droga herojina tminn (8) xhur qabel l-interrogatorju. Pero xi erba' (4) xhur qabel l-interrogatorju hu kien rega' waqaf jabbuza mid-droga u kien imur ghall-methadone id-Detox Centre.
7. Fir-relazzjoni tieghu,[1] l-Espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda hekk:

   *"a) li ma kienx hemm mechanical fit bejn il-karti tal-qratas li kien hemm fil-borza bin-numru 03 u l-faccati tal-pitazz li kien hemm fil-borza bin-numru 01 fid-dokument 351/08/01.*

   *b) li ma nstabux sustanzi illegali fiz-zewg bicciet tal-plastik li kien hemm fil-boroz immarkati bin-numru 01 u 02 rispettivament u li kienu fid-dokument 351/08/01;*

   *c) li fit-trab il-kannella car, li kien hemm fid-disa' (09) qratas fil-borza mmarkata bin-numru 03 fid-dokument 351/08/01, f'ammont nett totali ta' 1.46 grammi, instabet fih is-sustanza herojina. Il-purita medja tat-trab kannella car ghas-sustanza herojina kienet ta' cirka 41.7%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

[1] Ara Dok MM a fol. 22 tal-process.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-kwistjoni dwar il-htija o meno tal-imputat tirrivolvi dwar jekk il-Prosekuzzjoni ippruvatx sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat rema' l-bicca foil li go fiha instabu disa' (9) qratas bis-sustanza herojina – haga li hija negata mill-imputat.

Il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li fl-istqarrija tieghu l-imputat ma tax spjegazjoni kredibbli ghaliex kien mar hdejn id-Detox Centre fis-6.00a.m., meta dan ic-Centru ma jiftahx qabel is-7.00a.m. Fil-fatt meta gie mistoqsi mill-Ispettur Investigatur, ghalfejn mar daqshekk kmieni, l-imputat wiegeb sempliciment *"Jiena dejjem kmieni immur."* Frankament, il-Qorti ma tistax issib raguni logika ghalfejn l-imputat ghazel li joqghod siegha jhares jistenna sakemm ic-centru jiftah. Lanqas jista' jinghad li l-imputat ried ikun l-ewwel wiehed fil-kju ghax wara ried imur ghax-xoghol, ghax dak iz-zmien ma kienx jahdem, u l-imputat ma offra l-ebda spjegazzjoni ohra ghalfejn iddecieda li jmur id-Detox Centre siegha qabel.

Fix-xhieda taghhom, iz-zewg ufficjali tal-Pulizija li kienu certi li raw lill-imputat jarmi xi haga. Fil-fatt PC 279 Kevin Gauci xehed hekk:[2] *"X'hin morna fuqu, lil Silvan Cilia rajtu jarmi xi haga ma' l-art fejn minn hemm hekk elevajtha u kienet foil li go fiha kien hemm madwar 9 pakketti tal-karti li kien fihom trab kannella suspettat droga."* Huwa jghid li kien xi zewg metri il'boghod mill-imputat, meta rah jarmi dik ix-xi haga. Huwa kompla jghid hekk: *"X'hin konna qed napprocjawhom Silvan Cilia kien fuq in-naha tal-lemin u Naser kien fuq in-naha tax-xellug. Jien x'hin konna sejrin fuqhom, lil Silvan rajtu jaghmel l-moviment li qed jarmi xi haga ma' l-art. ... ... Jien kont ma genb karozza imma l-moviment li jarmi xi haga rajtu car. ... ... Jien l-oggett rajtu jintefa' u rajt car fejn waqa'"*

PS 1355 Cleon Purshouse jikkorrabora dak li xehed PC 279 u jghid hekk:[3] *"Ghall-habta tas-6.00a.m. konna hemm u nnutajna lil Cilia ma' persuna ohra. Dawn kif avvicinajnihom nnutajna, iktar il-kollega tieghi nnota, jarmi xi haga ma' l-art u x'hin gbarnieha ndunajna li kienu xi sachets irrumblati go foil."*

[2] Ara xhieda ta' PC 279 Kevin Gauci a fol. *15 et seq.* tal-process.
[3] Ara xhieda ta' PS 1355 Cleon Purshouse a fol 13 *et seq.* tal-process.

Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti din ix-xhieda tal-Pulizija hija wahda konsistenti u ghandha tigi emnuta, ghax ma hemm l-ebda raguni valida ghaliex ghandha tigi skartata. Certament mhux normali li l-Pulizija issib disa' (9) sachets imgezwrin gol-foil mal-art. Fix-xhieda tieghu, PC 279 Kevin Gauci qal li kien cert fejn waqa' l-oggett mormi mill-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti tirritjeni li tenut kont tax-xhieda tal-Pulizija u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghalkemm, l-ammont totali ta' droga herojina li instabet ma kienx wiehed kbir – 1.46 grammi, wiehed irid iqis li dawn kienu mqassma f'disa' (9) pakketti, li l-piz taghhom ivarja minn 0.12g ghal 0.25g.[4] Sitta mill-qratas kellhom piz that 0.2g – li hi kif inhu risaput f'dan il-qasam hija d-doza normali - u zewg qratas kellhom piz ta' 0.23g u 0.25g. Pero wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li l-purita tal-herojina kienet pjuttost gholja – 41.7%.

Il-fedina penali tal-imputat m'hijiex wahda felici. Huwa ghandu tnax-il kundanna minn dawn il-Qrati, li minnhom, zewg kundanni huma relatati ma' ksur tal-ligijiet tas-sewqan, tlett kundanni ohra ma' serq aggravat u kundanna ohra talli hebb ghal Pulizija, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Pulizija u ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq persuna ohra. Ghalkemm inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex ihalli t-triq tal-kriminalita, jidher li l-imputat baqa' ma tghallem xejn.

**Konkluzjoni**

[4] Ara relazzjoni tal-Espert Spizjar Mario Mifsud, ezebita bhala Dok MM a fol 22 tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' sentejn u nofs prigunerija effettiva u multa ta' elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' erba' mija u disa' u hamsin Euro u tlett centezmi (€459.03), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------